MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1252/1997/1

**Richard Farrugia.**

**vs**

**Elbros Construction Ltd.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta’ Gunju 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa mpjegat tas-socjeta` konvenuta bhala *labourer*;

Illi fis-7 ta’ Marzu 1996 l-attur kien involut f’incident industrijali li okkorra fil-fabbrika tal-planki tas-socjeta` konvenuta f’Hal Far;

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident l-attur sofra debilita` permanenti f’persuntu;

Illi dan l-incident okkura bi htija tas-socjeta` konvenuta *stante* traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti li jhasru lill-haddiema fuq ix-xoghol;

Illi ghalhekk l-attur sofra danni kemm f’ “*damnum cessans*” u kif ukoll “*damnum emergens*” u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjaraha unikament responsabbli ghall-incident industrijali li okkorra fis-7 ta’ Marzu 1996 u li fih korra l-attur kif fuq inghad;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza ta’ l-incident fuq imsemmi okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundannaha thallas lill-attur is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Elbros Construction Limited datata 19 ta’ Dicembru 1997 a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda *stante* illi s-socjeta` konvenuta ma kinitx traskurata, negligenti jew naqset li thares ir-regolamenti li jharsu l-haddiem fuq il-post tax-xoghol u allura bl-ebda mod ma hija responsabbli ghad-danni li qed jallega li sofra l-attur fl-incident tas-7 ta’ Marzu 1997.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni "*damnum cessans*" u "*damnum emergens*" li qed jallega li sofra l-attur ghandhom jigu ppruvati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda b'dokument esebit, tas-socjeta` konvenuta a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti.

Rat in-nomina ta' Dr. Joseph Zammit McKeon bhala Perit Tekniku u t-Tabib Kirurgu Carmel Sciberras bhala Perit Mediku.

Rat id-digriet datat 2 ta' Mejju 2006 fejn Mr. Carmel Sciberras gie nominat sabiex jerga' jezamina lill-attur.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Joseph Zammit McKeon bid-dokumenti hemm esebiti a fol. 119 sa fol. 163 tal-process.

Rat ir-rapporti medici ta' Mr. Carmel Sciberras datati 20 ta' Mejju 2000 (fol. 52) u tat-12 ta' Gunju 2006 (fol. 170).

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Joseph Zammit McKeon datat 3 ta' Mejju 2007 (fol. 178).

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza dwar incident industrijali li sehh fis-7 ta' Marzu 1999 fejn l-istess attur jallega li kawza tal-istess incident huwa sofra disabilita' permanenti.

Illi jirrizulta li l-attur (affidavits 26.04.1999 u 23.10.2002) kien impjegat bhala *labourer* pero' kien gie imqabbad sabiex jaghmel xoghol ta' *skilled labourer* u partikoralment ir-rimi ta' *shutters,* u fil-fatt jirrizulta li fis-6 ta' Marzu 1996 gie imqabbad jarma *is-shutters* u dan ghamlu kif dirett lilu minn Neno Ellul, izda fis-7 ta' Marzu 1997 meta kien qed izarma l-istess travi, s-serattizzi cedew u wiehed mit-travi tal-hadid inqaleb u gie fuqu u qabdu minn nofs daharu 'l isfel. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Mario Grixti (affidavit tat-12 ta' April 2006). L-attur jallega li minn dak in-nhar l-hawn sabiex jarmaw bdew juzaw *channels* tal-hadid u mir-relazzjoni medika jirrizulta li l-istess attur sofra disabilita' permanenti fil-grad ta' 15% (fol. 54 u 170).

Illi s-socjeta' konvenuta tghid li l-incident sehh minhabba traskuragini tal-istess konvenut, li kien jahdem bhala *tradesman* u kellu s-sengha u l-esperjenza fix-xoghol ta' kostruzzjoni, ghaliex it-travu kien waqa' peress li s-serrattizzi li kellu tahtu ma kienux tpoggew sew (xhieda ta' Carmel Ellul – 20 ta' April 2006 – fol. 109). Fil-fatt l-istess xhud jghid li huwa qatt ma ta ordnijiet sabiex il-konvenut jaghmel dan ix-xoghol. Fil-fatt Mario Grixti impjegat ta' PPB Limited (fol. 105 – affidavit 20.04.2006) jghid li kien Charles Portelli tal-istess socjeta' li assenja x-xoghol lill-attur u lil Christopher Azzopardi, u dan jinsab ikkonfermat mill-istess Charles Portelli (fol. 107 – affidavit tal-20.04.2006). PPB Limited hija socjeta' li taghmel travi ta' diversi qisien u l-klijent ewlieni taghha hija s-socjeta' konvenuta (Saviour Ellul – affidavit 20.04.2006 – fol. 110).

Illi ma hemm l-ebda dubju li huwa obbligu tas-socjeta' konvenuta li tipprovdi dik li tissejjah bhala *"a safe system of work",* b'dan li huwa obbligu taghha li tippovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat (**"Carmelo Cini vs Carmel Caccopardo nomine" - N.A. 5 ta' Ottubru**

**1999);** fil-fatt gie dikjarat fis-sentenza **"Borg vs Wells et nomine" (K. 9 ta' Settembru 1981)** illi *"in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work",* u dan tenut kont *"tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu…..".*

Illi tenut kont tal-principju stabbilit fis-sentenza **"Joseph Bugeja vs Anthony Falzon"** (P.A. 30 ta' April 1997), reitterata fis-sentenzi **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine"** (Appell. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999); **"Neville Desira et vs Grech and Company Limited et"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Gunju 2002 – A.C. 2 ta' Dicembru 2005); **"Emmanuel Felice vs Freeport Terminal (Malta) p.l.c. et"** (P.A. (RCP) 4 ta' Lulju 2002"; **Graham Slack et vs Elektra Limited"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Frar 2003); **"Alfred Pace vs MJK Transport Limited"** (P.A. (TM) – 9 ta' Gunju 2005); **"Grezzju Scicluna et vs C. Cini & Sons Limited"** (P.A. (TM) – 27 ta' Gunju 2006); **"Francis Zammit vs Dr. George Dacoutros Company Limited"** (P.A. (CS) – 2 ta' Novembru 1990 u s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"John Gerada vs Marsalite Limited"** (3 ta' Dicembru 2004 fejn il-Qorti sostniet li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu, nkluz li jassigura li l-ambjent tax-xoghol inkun tali li l-impjegati ma jkunux esposti ghal riskji inutili u li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika l-impjegati tieghu.

Illi dan huwa rifless kemm fl-**artikolu 2 (2) tal-Att VII tal-1994** li jipprovi li:-

(a) Huwa dmir ta' min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fisika u psikologika tal-haddiema;

(b) Huwa dmir ukoll ta’ min ihaddem li jizgura li kull process ta’ xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista’ jigi evitat ghall-inkolumita’ fisika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu....

Illi l-istess **artikolu 8 tal-indikat Att** jelenka d-dmirijiet ta’ l-employer u fosthom hemm:-

*“(1) It shall be the duty in general of an employer to ensure that all reasonale measures and precautions have been taken:-*

*(a) to render every place of work under his control, free from all dangers to health and safety, so far as reasonably practical.....*

*(c) to prevent industrial accidents, injuries and disease;*

*(e) to inform every worker therein about the dangers to health and safety in the workplace and about the best methods of prevention”.*

Illi jsir riferenza wkoll ghall-**Avviz Legali 52 tal-1986 – Regolamenti tal-**1986 dwar il-Fabbriki (Sahha, Skansar u Hsieb Generali) li skond l-**artikolu 49 (3)** jelenka l-obbligi tal-employers li fost ohrajn isib:-

*“(a) the provision and maintenance of plant and system of work that, are so far as is reasonably practicable, safe and without risks to health....*

*(f) ensure, so far as is  reasonably practicable, safety and absence of risks to health in connection with the use, handling, storage and transport of articles and substances...*

*(g) provide such information, instruction, training and supervision as is necessary to ensure, so far as is reasonably practicable, the health and safety at work of his employees...*

Illi l-**artikolu 49 (4)** jipprovdi li:-

*"It shall be the duty of the employer to ensure that the employees are informed of the occupatiuonal health hazards of their respective occupations, of the necessity of the measures of protection indicated, of their obligations to co-operate in and not to disturb the proper functioning of such measures, and of their obligation to make proper use of the appliances, clothing and equipment provided for their protection".*

Illi minn naha l-ohra l-**artikolu 50** jelenka l-obbligi tal-impjegati li jinkludu li:-

*"Every employee while at work shall:-*

*(a) take all reasonable care for the health and safety of himself and of other persons who may be affected by his acts or omissions at work....*

*(b) in respect of any duty or requirement imposed on his employer  or any other person by or under any provision of these regulations, co-operate with him so far as is necessary to enable that duty or requirement to be performed or complied with...."*

Illi konformi ma' dan il-gurisprudenza citata tipprovi li min-naha l-ohra l-haddiem ghandu d-dmir li ma jesponix ruhu ghall-perikolu u li haddiem tas-sengha jew ta' esperjenza ghandu juza l-istess sabiex ma jpoggiex lilu nnifsu fil-perikolu b'dan li jkun attent u serju fuq xogholu.

Illi tenur kont ta' dan kollu jirrizulta li ghalkemm l-attur kien impjegat bhala *labourer* huwa fil-fatt kien jaghmel xoghol ta' *skilled labourer* u kien akkwista esperjenza fuq ix-xoghol mas-socjeta' konvenuta stess sabiex jaghmel is-*shuttering* u jzarma l-istess; f'dan il-kaz ix-xoghol kien jikkonsisti li zewg travi ta' 60 cm jigu ta' gholi ta' metru, u fil-fatt jidher li l-process sar kollu sew hlief ghat-tqeghed ta' serrattizzi taht l-istess travu, ghaliex jidher li s-serrattizzi ta' l-injam ma kienux imqeghda tajjeb, tant li

dawn cedew; jidher li tqeghid ta’ serrattizi sar mill-attur stess, izda jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta ma ipprovdiet l-ebda tip ta’ sorveljanza bhala mizura ta’ prevenzjoni sabiex isiru r-retifiki necessarji fil-kaz li x-xoghol ikun qed isir hazin; fil-fatt jirrizulta mill-provi li ma kien hemm hadd mis-socjeta’ konvenuta sabiex jidderigi u lanqas biex jissorvelja x-xoghol ta’ l-attur u dan la dwar il-mod kif tpoggew is-serrattizzi u lanqas dwar l-ammont ta’ l-istess li kien mehtieg – fil-fatt l-attur u siehbu thallew wahedhom.

Illi ineffetti minhabba li t-travi in kwistjoni kellhom ikollhom zieda fl-gholi, u b’hekk kien hemm iktar piz minn naha wahda u riskju ta’ stabbilita’ min-naha l-ohra, kien necessarju li jitpoggew zewg serrattizzi fl-irjus tat-travu u li s-serrattizzi li jintuzaw ikunu itwal mill-wisgha tat-travu li kien ser jitpogga fuqhom, jew almenu jaslu sat-tarf b’mod li l-wisgha tat-travu jkun kollu kemm huwa uniformi, u ghalhekk jigi evitat li bl-inqas caqlieqa, it-travu jeghleb, u kellu jigi accertat li s-serrattizi jitpoggew b’tali mod li t-truf tas-serrattizzi jispuntaw minn kull naha tat-travu.

Illi jidher li dan kollu thalla f’idejn l-attur u siehbu bl-ebda mod ta’ direzzjoni jew sorveljanza minn naha tas-socjeta’ konvenuta u f’dan il-kuntest hija sinifikanti l-konkluzjoni tal-perit legali f’paragrafu 45 tar-relazzjoni tieghu fejn qal testwalment li:-

*“Accertat li s-serrattizzi kienu tajbin ghall-uzu ntiz, u tpoggew mill-attur u minn siehbu, in-numru taghhom u l-modalita’ ta’ tqeghid taghhom kien prattici li kellhom jigu determinati u accertati min qabel mis-socjeta’ konvenuta u mhux jithalla ghad-diskrezzjoni tal-attur anke jekk kien haddiem tas-sengha bhallikieku din xi ‘loghba tax-xorti’ (“a game of chance”). It-tfassil, thaddim u supervizjoni ta’ “safe work practices” u “safe systems of work” huwa dmir ewlieni ta’ l-employer u jekk jirrizultaw deficjenzi dawn ma jistghux jigu skarikati fuq il-haddiem”.*

Illi tant huwa minnu dan li mill-provi jirrizulta li ghalkemm kien il-*foreman* Charles Portelli (impjegat mas-socjeta’ PPB Limited) li assenja x-xoghol lill-attur u lil siehbu dan bl-ebda mod ma’ ittenta jaghmel xi direzzjoni jew

supervizjoni tax-xoghol, tant li lanqas kien jaf jekk l-attur kienx qatt hadem fuq xoghol ta' dak it-tip ghaliex skond huwa hadha *"for granted"* li l-attur kien jaf tali xoghol u x-xoghol fiz-zieda ta' gholi ta' travu ma kienx jipprospetta sengha differenti jew sigurta' akbar; fil-fatt jirrizulta li hawn l-istess *foreman* kien zbaljat ghaliex tali xoghol kien jikkomprendi zieda fir-riskju li ma kienx komplementat minn mizuri aktar akkurati ta' prevenzjoni fis-sistema.

Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi jirrizulta li hemm responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta ghall akkadut u dan ghaliex:-

(a) ma kienx hemm  prattika tax-xoghol certa tax-xoghol, tant li l-istess thalliet fid-diskrezzjoni tal-attur minghajr ebda forma effettiva ta' direzzjoni,  u dan tant huwa minnu li sahansitra anke mill-provi f'din il-kawza jirrizulta li fit-tezi tas-socjeta' konvenuta hemm divergenza serja ta' kif kellu jsir ix-xoghol bejn l-imsemmi Charles Portelli u d-direttur tas-socjeta' konvenuta Saviour Ellul;

(b) kien hemm nuqqas ta' sorveljanza *da parte* tas-socjeta' konvenuta li ma pprovdiet l-ebda mezz sabiex jigi accertat li tigi uzata sistema tajba u certa ta' xoghol u tara li l-impjegati jadirixxu ruhhom mal-istess, b'dan li tali sorveljanza tkun kapaci mhux biss tara li s-sistema uzata hija dik tajba izda wkoll tinduna u tirrettifika xi nuqqasijiet li setghu isiru mill-istess impjegati, kemm ghaliex mhux skond is-sengha u kemm ukoll minhabba prattici ta' sigurta'.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti thoss ukoll li l-istess konvenut bhala bniedem tas-sengha u minhabba l-esperjenza li kellu fl-istess xoghol, kellu jkun aktar attent fuq il-mod li huwa ghamel l-istess xoghol, u f'kaz ta' diffikulta' minhabba n-natura tax-xoghol li kellu, huwa kellu jew jieqaf u jsaqsi jew inkella jkun izjed kawt fix-xoghol tieghu, u dan billi jara li x-xoghol li kien qed jaghmel ikun sikur ghalih u ghall-impjegati l-ohra li kienu mieghu.

Illi f'dan l-isfond din  il-Qorti taqbel li r-responsabilita' ta' l-istess incident kienet principalment tas-socjeta' konvenuta

u hija ghanda terfa l-htija ghal zewg terzi waqt li l-attur ghandu jsofri responsabilita' ta' terz.

Illi dwar l-ammont ta' danni ghandhom jigi likwidati favur l-attur jirrizulta li meta sehh l-incident l-attur kellu paga ta' Lm69.32 fil-gimgha ghall-salarju gross ta' Lm3,604.82 u din telghet ghall Lm3,731 fis-sena 1999 u dan apparti li jirrizulta li l-attur kien jaghmel sahra li fin-1995 kienet tammonta ghall 17% tas-salarju bazi, fin-1996 – 5%; fin-1997 – 19% u fin-1998 – 28%; u fin-1999 – 24%.

Illi skond dak li gie deciz fil-kawza **"Tanya Tabone vs Emmanuel Camilleri"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Frar 2007) u l-gurisprudenza hemm indikata l-introjtu li ghandu jittiehed bhala bazi huwa dak ta' €161.47 (Lm69.32) li mieghu tizdied 10% bhala sahra (€161.47 + €16.14 = €177.61) (Lm69.32 + Lm6.93 = Lm76.27) li maghha tizdied is-somma ta' €46.59 (Lm20) fil-gimgha bhala moltiplikand ghall-ammont ta' €224.20 (Lm96.25) fil-gimgha jew €11,646.87 (Lm5,000) fis-sena.

Illi tenut kont li l-istess attur soffra disabilita' permanenti ta' 15% kif rrelata l-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras f'zewgt rapporti separati datati 20 ta' Mejju 2000 (fol. 52) u tat-12 ta' Gunju 2006 (fol. 170) (ara para 56 (i) tar-relazzjoni peritali) u tenut kont li l-attur kellhu 23 sena meta sehh l-istess incident fuq l-iskorta ta' insenjamenti ndikati fis-sentenza **"Jason Tonna vs Marco Vassallo et"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Marzu 2007) din il-Qorti ser taddotta *multiplier* ta' 33 sena u allura dan iwassal ghas-somma ta'

€11,646.87 (Lm5,000) x 33 x 15% = €57,652.50 (Lm24,750).

Illi l-incident gara fis-7 ta' Marzu 1996 u ghal dak li huwa maghruf bhala *lump sum payment* hemm is-sentenza **"Maria Debono vs Andrew Vaswani"** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003) fejn inghad li:-

*"Kif gja gie manifest supra hi gurisprudenza pacifika ("***Joseph Abela –vs- Martin Spagnol***", Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Marzu 1993, fost bosta ohrajn) li ghandu jsir tnaqqis mill-persentagg (20%) biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji. Dan huwa motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat l-hlas ta' imghax mid-data li giet ikkagunta l-hsara (Vide "***Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri",*** *Prim'Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta' din id-decizjoni il-persentagg ta' 20% ghall lump sum payment beda jigi ridott b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza".* (Ara wkoll **"Concetta Brooks vs Emanuela Sare'** (P.A. – 12 ta' Gunju 1956 – Vol. XL.ii.31).

Illi ghalhekk jirrizulta li ghaddew il-fuq minn tnax il-sena minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba dan huwa l-kaz ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis ghall-*lump sum payment".*

Illi tenut kont li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-incident fil-grad ta' zewg terzi allura l-ammont li ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta lill-attur jammonta ghall-zewg terzi ta' l-ammont ta' €57,652.50 (Lm24,750) = €38,434.66 (Lm16,500).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta biss in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara l-istess socjeta’ konvenuta responsabbli ghall-incident industrijali li okkorra fis-7 ta’ Marzu 1996 u li fih korra l-attur kif fuq inghad u dan kwantu ghal zewg terzi fil-waqt li terz tal-istess hija responsabilita’ tal-attur stess.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza ta’ l-incident fuq imsemmi li ghalihom hija responsabbli s-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ tmienja u tletin elf, erba’ mija u erbgha u tletin ewro u sitta u sittin centezmu (€38,434.66 - Lm16,500).

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta’ tmienja u tlettin elf, erba’ mija u erbgha u tletin ewro u sitta u sittin centezmu (€38,434.66 - Lm16,500).

Bl-ispejjez kwantu ghall-zewg terzi jithallsu mis-socjeta’ konvenuta u terz mill-attur u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------